**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Agius]**

**vs**

**Matthew Debattista**

**Kumpilazzjoni Numru: 14/16**

**Illum, 8 ta' Jannar, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Matthew Debattista detentur tal-karta tal-identita` numru 552789M.

Akkuzat talli nhar l-10 ta' Jannar 2016 ghall-habta ta' 11:00rs il-Marsa u f'dawn il-Gzejjer, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Joseph Abela f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi liema griehi jikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh fuq il-persuna ta' Joseph Abela u/jew persuni ohra;

Akkuzat ukoll talli fl-istess, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Gordon Abela u/jew persuni ohra, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Gordon Abela u/jew persuna ohra.

U talli fl-istess, lok, hin u cirkostanzi kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied. Art 338(dd)

U aktar talli fl-istess, lok, hin u cirkostanzi njora u hedded lil Joseph Abela u lil Gordon Abela u/jew persuna ohra.

U aktar talli fl-istess, lok, hin u cirkostanzi: ikkommetta reat waqt il-perjodu ta' operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal-erbgha snin, mghotija mil-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D nhar it-22 ta' Frar 2013 bi ksur tal-art 28 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U finalment akkuzat ukoll: talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mil-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f'kas ta' htija barra milli taplika il-pieni skond il-ligi, tordna lill imputat ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta u li tigi aplikata il-provediment tal-art 383(1)

F'kaz ta' htija l-prosekuzzjoni talbet ukoll li tinhareg ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Joseph Abela u Gordon Abela fit-termini tal-Artikolu 412 tal-Kap 9

Rat illi din il-kawza inizzjat minhabba glieda li kien hemm bejn il-parte civile u l-imputat u fejn l-imputat xejjer daqqa go wicc il-parte civile;

Rat illi l-parte civile Gordon Abela u Joseph Abela spjegaw illi l-glieda qamet minhabba xi zwiemel tal-partijiet li kienu tellqu kontra xulxin izda li llum il-gurnata dawn hafru lill-imputat tant illi saru hbieb;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata s-sebgha (7) ta' Lulju elfejn u sittax (2016) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li fuqhom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe':

- Fl-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Mejju elfejn u sbatax (2017);

Rat illi l-imputat, flimkien mal-ammissjoni, talab illi jsir *Pre-Sentencing Report* minn *Probation Officer*;

Rat il-*Pre-Sentencing Report* redatt mill-*Probation Officer* Rhona Custo' datat hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru elfejn u sbatax (2017) fejn hija kkonkludiet is-segwenti:

*"Matthew Debattista huwa ragel tal-familja, ilu mizzewweg madwar 7 snin u ghandu tliet itfal.*

*Huwa dejjem hadem u prezentement jahdem fil-kostruzzjoni minkejja li fix-xhur tas-sajf jahdem bil-karozzini. Jidher li huwa jirsisti sabiex il-mara u t-tfal ma jkunu nieqsa minn xejn.*

*Jidher li qatt ma kien hemm problemi ta' vizzji u testijiet tal-urina li ttiehdu fid-Dipartiment tal-Probation u l-Parole irrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti.*

*Matthew Debattista gieli kellu kazijiet ohra l-Qorti, inkluz iehor relatat ma' glied. Madanakollu, matul il-kumpilazzjoni tar-rapport ma rrizultax li huwa ghandu xi problemi f'dan ir-rigward u li dawn l-incidenti kienu iktar relatati mac-cirkustanzi jew post li kien fihom.*

*Ta min isemmi li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Ufficjal tal-Probation matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport.*

*Rakkomandazzjoni*

*Ghaldaqstant, fid-dawl ta' l-informazzjoni migbura f'dan ir-rapport qed jigi rrakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li Matthew Debattista jinghata Ordni ta' Servizz fil-Komunita', skont l-Artiklu 11 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ghan ta' dan huwa sabiex l-imputat jaghti kumpens lis-socjeta' t'ghemilu filwaqt li ma jitlifx l-istabbilita' li ghandu f'hajtu".*

Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-ufficjal tal-Probation u dan anke in vista tan-natura tar-reat addebitat lill-imputat fejn din kienet kwistjoni pjuttost puerili bejn l-imputat u l-parte civile izda fejn din spiccat bil-parte civile isofri griehi gravi. Il-Qorti qieghda tiehu inkonsiderazzjoni wkoll tal-fatt illi llum il-gurnata l-parte civile rrinunzja ghal dak li hu rinunzjabbli u fejn xehed ukoll illi hu u l-imputat saru hbieb.

Ghal dawn ir-ragunijiet u ghall-fatt illi l-imputat hadem sabiex jirriforma ruhu anke versu l-parte civile, taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-ufficjal tal-Probation li l-piena l-aktar idoneja tkun dik ta' Ordni ta' Servizz fil-Komunita' u dan anke jekk din il-Qorti hija konxja tar-reati l-ohra addebitati lill-imputat izda din ghandha tkun fil-massimu taghha.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 214, 215, 218, 221, 338 (dd), 339(1)(e), 28B u 28C, 49, 50 u 289, 383, 384, 385, 386, 412C, 17, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Matthew Debattista** hati fuq ammissjoni tieghu tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghall-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ghall-perjodu ta' erba' mitt (400) siegha.

____________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**